MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 809/2004

IL-PULIZIJA
(SPETTUR KEVIN BORG)

VS

FELIX SCHEMBRI

Illum, 28 ta’ Ottubru, 2004.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Felix Schembri, ta’ sitta u tletin (36) sena, bin Gaetano u Lucy nee Farrugia, imwieled Gwardamangia, Malta fis-16 ta’ April, 1968 u li huwa residenti Mifsud Court 1, Flat 1, St. Luke’s Road, Gwardamangia, Malta u li huwa detentur tal-karta tal-identita’ numru 192168 (M);

Talli f'dawn il-gzejjer f'hanut bl-isem ta' 'S. Caruana Tobacconist' li jinsab f'Republic Street, Valletta, fil-31 ta' Awissu, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

U talli ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet , il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imsebbhin b'qerq u cioe accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia. U dan bi ksur tal-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298 b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal bhal dak, u dan bi ksur tal-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 298 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-ammissjoni fi stadju bikri tal-imputat;

Ikkunsidrat;

Illi wara li semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esebiti fuq ammissjoni, l-Qorti ssib lill-istess imputat Felix Schembri, hati u ghalhekk tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sena.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti kkonfiskati mill-Pulizija, taht l-awtorita tal-Ufficcjali tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------